MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2019

Rikors Maħluf Numru 299/2018 LM

**Charlo Borg (K.I. Nru 555977M)**

***vs.***

**Joseph Barbara, Peter Agius, Carmelo Buttigieg, Raymond Sultana u Martin Agius, f'isimhom proprju u fil-kapaċità rispettiva u rappreżentattiva tagħhom ta' President, Segretarju, Teżorier u Licencees tal-Għaqda Soċjali Madonna tad-Duttrina, Tarxien, u b'digriet tal-14 ta' Mejju 2018, ġew imsejħin fil-kawża s-soċjetajiet Thomas Smith Insurance Agency Limited u W.R. Berkely Insurance (Europe) Limited u permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Ottubru, 2018, id-digriet mogħti fl-14 ta' Mejju, 2018 ġie revokat *contrario imperio***

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-3 ta' April, 2018 mill-attur **Charlo Borg** (K.I. 555977M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Dikjarazzjoni dwar l-Oġġett u l-Fatti tal-Kawża*

1. *Illi l-esponent jippossjedi r-razzett bl-isem ta' 'St. Joseph Farm', fi Triq Tarxien, Gudja, liema razzett jinsab faċċata tal-Iscotts Supermarket;*

2. *Illi quddiem l-imsemmi razzett tinsab il-kamra tan-nar tal-Għaqda Soċjali Madonna tad-Duttrina ta' Ħal Tarxien;*

3. *Illi f'xi ħin matul il-lejl tal-festa, ossia nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju, tas-sena elfejn u sbatax (2017), waqt li kien qiegħed jittella' n-nar tal-festa, ir-razzett tal-esponent suċitat inħakem minn nirien, u dan stante li l-intimati ħarqu n-nar u murtali fil-viċinanzi tal-istess razzett bir-riżultat li d-debris tal-istess waqa' fuq il-proprjetà tal-esponent u b'hekk seħħ in-nirien imsemmi;*

4. *Illi bir-riżultat ta' dan l-esponent sofra numru konsiderevoli ta' danni, inter alia, billi nħaraq ammont kbir ta' tiben, kwantità kbira ta' ċana u kwantità ta' għalf tal-bhejjem. Di più, bħala riżultat tan-nirien mietu wkoll xi bhejjem kif ukoll ġew ikkawżati ħsarat fir-razzett innifsu, u dan kollu b'telf kbir għall-esponent;*

5. *Illi tali nirien seħħew unikament b'negliġenza, traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti da parti tal-intimati, li hekk kif ser jirriżulta indubbjament mit-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri, ma ħadux prekawzjonijiet xierqa u opportuni sabiex jaċċertaw li ma ssirx ħsara fil-proprjetà tal-esponent;*

6. *Illi għalkemm l-esponent sejjaħ lill-intimati sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni minnu subiti, l-intimati baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha tiġi istitwita din il-kawża.*

2. *Raġuni għat-Talbiet f'dawn il-Proċeduri*

7. *Illi l-intimati, jew min minnhom, huma unikament responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-esponent stante n-nuqqasijiet tagħhom kif fuq imsemmija;*

8. *Illi l-esponent irid li jiġi kkumpensat għall-ħsarat u d-danni kollha li huwa intortament issubixxa b'riżultat tal-inċendju deskritt aktar 'il fuq;*

9. *Illi l-esponent jiddikjara li huwa jaf b'dawn il-fatti personalment.*

3. *Talbiet*

*Jgħidu għalhekk l-intimati, jew min minnhom, għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-*

*raġunijiet premessi, kif ukoll għal dawk li għad jistgħu jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri:*

i. *Tiddikjara illi l-esponent sofra danni riżultanti minn nirien li ġie kkawżat nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju, tas-sena elfejn u sbatax (2017), waqt li kien qiegħed jittella' n-nar tal-festa u dan stante li l-intimati, jew min minnhom, ħarqu n-nar u murtali fil-viċinanzi tar-razzett proprjetà tal-esponent kif fuq deskritt;*

ii. *Tiddikjara lill-intimati, jew min minnhom, responsabbli għall-inċident fuq imsemmi u dan għar-raġunijiet premessi;*

iii. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-esponent u dan anke permezz ta' periti nominandi; u*

iv. *Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, sabiex iħallsu lill-esponent dawk id-danni kollha kif likwidati minn din il-wisq Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali numru 3484/2017, u bl-interessi legali sa mid-data tal-istess ittra, kontra l-intimati, jew min minnhom, li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **Joseph Barbara, Peter Agius, Carmelo Buttigieg, Raymond Sultana u Martin Agius, f'isimhom proprju u fil-kapaċità rispettiva u rappreżentattiva tagħhom ta' President, Segretarju, Teżorier u Licencess tal-Għaqda Soċjali Madonna tad-Duttrina, Tarxien**, (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti pro et noe"), li ġiet ippreżentata fis-27 ta' April, 2018, u maħlufa minn Joseph Barbara (K.I. 888437M), li biha ġie eċċepit:

1. *Illi fl-ewwel lok għandhom jiġu kjamati fil-kawża s-soċjetajiet assikuratriċi Thomas Smith Insurance Agency Limited u dik W.R. Berkeley Insurance (Europe) Limited;*

2. *Illi fit-tieni lok, l-inċident indikat mill-attur rikorrenti ma seħħx tort tal-esponenti u dan stante għax huma ħadu l-prekawzjonijiet kollha neċessarji u l-isparar sar skont l-arti u s-sengħa u fit-tieni lok jidher li dan seħħ minħabba eventi u ċirkostanzi indipendenti mill-volontà tagħhom u li huma marbuta mal-forza maġġuri u accidens;*

**3.** *Illi fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur rikorrenti għandu parti tat-tort tal-inċident u dan għax ma ħax il-prekawzjonijiet neċessarji sabiex it-tiben, il-materjal u l-bhejjem jinżammu kif għandhom fil-kura ta' bonus paterfamilias.*

*B'riserva ta' risposti u eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-imsejħa fil-kawża **Thomas Smith Insurance Agency Limited** (C 5637), (minn issa 'l quddiem "l-imsejħa fil-kawża Thomas Smith Insurance Agency Limited"), li ġiet ippreżentata fit-30 ta' Mejju, 2018, u maħlufa minn Kevin Borg Degiorgio (K.I. 51482M), li biha eċċepiet:

1. *Illi s-soċjetà eċċipjenti hija totalment estraneja għall-fatti mertu ta' din il-kawża, u, in kwantu diretti kontra tagħha, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-attur jew kontra min talab il-kjamata tagħha fil-kawża;*

2. *Illi dan qiegħed jingħad għaliex fl-ewwel lok, hija ma għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mal-attur, fit-tieni lok, hija ma kienet involuta b'ebda mod u manjiera mal-ħruq tan-nar u murtali tal-festa tat-23 ta' Lulju 2017, fit-tielet lok, hija lanqas ma għandha xi relazzjoni ġuridika mal-intimati proprio et nomine jew ma' xi ħadd fosthom, u fir-raba' lok, hija lanqas ma ħarġet xi polza ta' assigurazzjoni li tkopri lill-intimati jew l-attivitajiet imwettqa minnhom fit-23 ta' Lulju 2017, f'Ħal Tarxien, jew f'xi ġurnata jew f'xi post ieħor. Għaldaqstant hija titlob li tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju anke f'dan l-istadju tal-proċedura;*

3. *Mingħajr preġudizzju għall-premess, sussidjarjament u in tema purament legali, u sa ċertu punt – fiċ-ċirkostanzi tal-każ fejn l-esponenti qatt ma ħarġet xi polza ta' assigurazzjoni dwar l-akkadut – anki ipotetika, l-esponenti tesprimi dubbji qawwija dwar kemm huwa leċitu li terza parti taġixxi direttament kontra l-kumpannija assiguratriċi tal-allegat danneġġjant f'materja li teżorbita l-parametri tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta peress li l-kuntratt ta' assigurazzjoni huwa kuntratt privat bejn l-assiugrat u l-assiguratur u f'dik ir-relazzjoni ġuridika jista' jkun meħtieġ li jiġu investigati punti ta' dritt u ta' fatt li ma jaqgħux fil-parametri ta' kawża għar-riżarċiment tad-danni da parti tad-danneġġjat kontra d-danneġġjant. U għalhekk anki f'dan ir-rigward hija tħoss li għandha tqajjem eċċezzjoni f'dan is-sens.*

4. *Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-imsejħa fil-kawża **W. R. Berkely Insurance (Europe) Limited**, (minn issa 'l quddiem "l-imsejħa fil-kawża W. R. Berkely Insurance (Europe) Limited"), li ġiet ippreżentata fl-20 ta' Ġunju, 2018, u maħlufa mill-**Avukat Peter Borg Costanzi** (K.I. 247554M) kif debitament awtorizzat, li biha eċċepiet:

1. *Illi l-assikurazzjoni W.R.Berkely Insurance (Europe) Limited m'għandha l-ebda polza ta' assikurazzjoni li tkopri lill-Għaqda Soċjali Madonna tad-Duttrina ta' Ħal Tarxien jew il-persuni li jirrappreżentawha u konsegwentement huma m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-vertenza u għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;*

2. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;*

3. *Illi fiċ-ċirkostanzi huma m'għandhomx ibatu spejjeż.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-23 ta' Settembru, 2019, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-attur qiegħed jitlob ir-riżarċiment tad-danni li huwa sofra b'riżultat ta' ħruq li seħħ fir-razzett tiegħu bl-isem 'Saint Joseph Farm', Triq Tarxien, il-Gudja. L-

attur, li hu raħħal u produttur tal-ħalib, kellu għadd ta’ baqar, tiben, għalf, u oġġetti oħra li huwa juża fix-xogħol ta’ kuljum fl-imsemmi razzett tiegħu. L-inċident seħħ fit-23 ta’ Lulju 2017 waqt li kien qiegħed isir il-ħruq tan-nar tal-festa tal-Madonna tad-Duttrina li tiġi ċċelebrata ġewwa Ħal Tarxien, meta taret ġamra bir-riħ li ġiet fuq munzell tiben li kien hemm viċin ir-razzett, u b’hekk tħeġġeġ in-nar li ħa u nfirex fi ftit ħin. Konsegwenza ta’ dan l-inċident, l-attur sofra danni minħabba li tilef it-tiben li kellu maħżun, l-għalf għall-annimali, u għadd ta’ baqar kellhom jinqatlu għax wara li ġew esposti għad-duħħan, ma baqgħux tajbin għall-konsum. L-attur jgħid li dan l-inċident seħħ minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja u nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti da parti tal-konvenuti li naqsu milli jieħdu l-prekawzjonijiet neċessarji in vista tal-kundizzjonijiet tat-temp li kienu jipprevalu dakinhar tal-inċident. Huwa għalhekk, jgħid l-attur, li l-konvenuti għandhom iġorru r-responsabbilità għad-danni kkaġunati lilu waqt l-imsemmi inċident, u għandhom jikkumpensawh għad-danni materjali li huwa sofra.

Min-naħa tagħhom il-konvenuti wieġbu li f’din il-kawża għandhom jissejħu s-soċjetajiet tal-assigurazzjoni li ħarġu l-polza sabiex seta’ jsir il-ħruq tan-nar tal-festa. Il-konvenuti eċċepew ukoll li huma kienu ħadu l-prekawzjonijiet neċessarji kollha u l-isparar sar skont is-sengħa u l-arti u l-inċident jidher li seħħ minħabba eventi u ċirkostanzi indipendenti mill-volontà tagħhom u li huma marbuta mal-forza maġġuri u *accidens*. Il-konvenuti jsostnu li l-attur għandu jġorr parti mit-tort minħabba li ma kienx ħa l-prekawzjonijiet neċessarji sabiex it-tiben, il-materjal u l-bhejjem jinżammu kif għandhom fil-kura ta’ *bonus pater familias*.

Permezz ta' digriet tal-14 ta' Mejju, 2018[1], il-Qorti ordnat is-sejħa fil-kawża tas-soċjetajiet tal-assigurazzjoni Thomas Smith Insurance Agency Limited u W.R. Berkely Insurance (Europe) Limited wara li l-konvenuti kienu indikaw li huma kienu assigurati ma' dawn is-soċjetajiet tal-assigurazzjoni. Kien għalhekk li tqajmu punti legali dwar ir-rwol ta' *broker* u ta' aġenzija fin-negozju tal-assigurazzjoni, u ġie eċċepit Thomas Smith Insurance Agency Limited li mhux leċitu li xi ħadd jaġixxi kontra l-kumpannija assiguratriċi f'materja li ma taqax fil-parametri tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Ġie eċċepit ukoll li l-kuntratt ta' assigurazzjoni huwa kuntratt privat bejn l-assigurat u l-assiguratur u li għalhekk hemm punti ta' fatt u ta' dritt li m'għandhomx jiġu ttrattati waqt kawża għar-riżarċiment tad-danni.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Flimkien mar-rikors promutur l-attur ppreżenta kopja tar-rapport li sar lill-Pulizija in segwitu għall-inċident inkwistjoni[2], fejn jintqal li fit-23 ta' Lulju, 2017, kien qiegħed jinħaraq in-nar tal-festa mill-Għaqda tal-Każin tal-Madonna tad-Duttrina ta' Ħal-Tarxien, meta aktarx li tar xi ġamar u ġie fuq it-tiben li l-attur kien qiegħed iżomm fir-razzett tiegħu li jinsab fl-inħawi. Ir-rapport jgħid li meta l-Pulizija tkellmet ma' sid ir-razzett, dan infurmahom li l-balal tat-tiben u ċ-ċana li kellu fir-razzett kienu jiswew mal-għoxrin elf Euro (€20,000), u fir-razzett kellu wkoll mal-mitejn baqra li ġew esposti għad-duħħan. Fl-inċident inħaraq ukoll *container* tal-*fibre* u tal-ħadid li kien iservi bħala maħżen għaċ-ċana.

[1] Dan id-digriet ġie revokat *contrario imperio* permezz tad-digriet tat-8 ta' Ottubru, 2018
[2] *A fol.* 5 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tal-14 ta' Mejju, 2018, il-Qorti awtorizzat is-sejħa fil-kawża tas-soċjetajiet tal-assigurazzjoni Thomas Smith Insurance Agency Limited u W.R. Berkely Insurance (Europe) Limited. Fl-udjenza tat-8 ta' Ottubru, 2018, il-Qorti qieset li s-soċjetajiet W.R. Berkely Insurance (Europe) Limited u Thomas Smith Insurance Agency Limited ġew imsejħin f'din il-kawża inutilment stante li dawn huma kompletament estraneji għall-fatti mertu tal-kawża, kif ukoll għax il-kwistjoni tal-assigurazzjoni fir-rigward tal-inċident mertu tal-kawża, bl-ebda mod ma tinċidi fuq it-talbiet tal-attur. Għaldaqstant il-Qorti rrevokat id-digriet tagħha tal-14 ta' Mejju, 2018, li permezz tiegħu kienet ordnat is-sejħa fil-kawża tas-soċjetajiet W.R. Berkely Insurance (Europe) Limited u Thomas Smith Insurance Agency Limited.

L-attur ippreżenta għadd ta' *affidavits* fosthom dak ta' **Alfred Fenech**[3], li qal li fit-23 ta' Lulju, 2017 huwa kien ġie kkuntattjat mill-attur, li talbu sabiex jipprovdilu għadd ta' *bowsers* tal-ilma minħabba li r-razzett tiegħu bl-isem 'St. Joseph Farm' fi Triq Ħal Tarxien, il-Gudja, kien inħakem minn nirien qawwija. Ix-xhud qal li biex intefa' dan in-nar kienu meħtieġa tmien (8) *bowsers* tal-ilma bil-ħamsa u tletin Euro (€35)-il wieħed, bi spiża totali ta' mitejn u tmenin Euro (€280).[4]

Ix-xhud **Charles Agius** fl-*affidavit* tiegħu qal[5] li fit-12 ta' Ġunju, 2017 huwa kien biegħ mitejn (200) balla ċana lill-attur bil-prezz ta' €5.60 kull waħda, għal total ta' elf, tliet mija u wieħed u għoxrin Euro u sittin ċenteżmu (€1,321.60).[6] Ix-xhud **Charles Schembri** fl-*affidavit* tiegħu qal[7] li fis-6 ta' Ġunju, 2017 kien

[3] *A fol.* 36 tal-proċess.
[4] Kopja tal-irċevuta *a fol.* 36 tal-proċess.
[5] *A fol.* 37 tal-proċess.
[6] Kopja tal-irċevuta *a fol.* 37 tal-proċess.
[7] *A fol.* 38 tal-proċess.

biegħ mitejn (200) balla tal-magħlef lill-attur, għall-prezz totali ta' sebat elef u erba' mitt Euro (€7,400).[8]

Ix-xhud **Dr Daniele Brincat**, tabib veterinarju, fl-*affidavit* tiegħu qal[9] li fil-25 ta' Lulju, 2017 ċempillu l-attur u talbu jmur fir-razzett tiegħu minħabba l-biża' li kien hemm erba' baqriet u għoġla li ġew affettwati min-nirien. Ix-xhud qal li meta mar fuq il-post sab li dawn l-annimali kienu sofrew minn *respiratory distress* u għalhekk ma kinux tajbin għall-konsum.[10]

Fl-*affidavit* tiegħu x-xhud **l-Avukat Dr Frank Cassar** qal[11] li wara l-inċident huwa kien akkumpanja lill-attur għal laqgħa ma' ċertu Martin Agius, li jifforma parti mill-Kumitat tal-Każin tal-Banda tal-Madonna tad-Duttrina ta' Ħal Tarxien, sabiex jiddiskuti miegħu dwar il-kwistjoni tal-kumpens għal dak kollu li tilef l-attur kawża tal-ħruq li sofra fir-razzett tiegħu. Ix-xhud ikkonferma li dan Martin Agius ammetta magħhom li x'aktarx li kienet taret ġamra mill-murtali li kienu qegħdin jinħarqu sabiex tiġi ċċelebrata l-festa, u kien dan li kkawża l-ħruq. Qal ukoll li Agius kien infurmahom li l-każin tal-banda kien saħansitra fetaħ *claim* mad-ditta tal-assikurazzjoni Thomas Smith Insurance Agency Limited in segwitu għall-inċident inkwistjoni. Kompla jgħid li meta hu mar mal-klijent tiegħu għand is-soċjetà tal-assikurazzjoni Thomas Smith Insurance Agency Limited fl-uffiċċju tagħha f'Ħal Luqa, dawn kienu infurmawhom li min-naħa tagħhom ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-pretensjoni tal-atturi minħabba li huma kienu *sub-agents.* Ix-xhud u l-attur ma ngħataw l-ebda tagħrif ieħor dwar min jista' jkun responsabbli għall-ħlas tal-kumpens. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li meta ra li ħadd ma beda jassumi

[8] Kopja tal-irċevuta *a fol.* 39 tal-proċess.
[9] *A fol.* 40 tal-proċess.
[10] Kopja taċ-ċertifikat *a fol.* 41 tal-proċess.
[11] *A fol.* 42 tal-proċess.

responsabbilità għall-ħlas tal-kumpens dovut lill-klijent tiegħu, huwa kien tah parir jipproċedi b'ittra uffiċjali b'talba għall-ħlas dovut.

Ix-xhud **John Mifsud** fl-*affidavit* tiegħu qal[12] li fit-22 ta' Ġunju, 2017 kien biegħ ħames mija u tliet balal (503) tat-tiben lill-attur, bil-prezz totali ta' sebat elef, mitejn u sitta u tletin Euro (€7,236).[13] Qal ukoll li fis-26 ta' Lulju, 2017, huwa kien ġie kkuntattjat mill-attur li talbu jmur ibattallu r-razzett tiegħu, peress li tlett ijiem qabel dan kien inħakem min-nirien. Qal li biex ġarr kollox minn dan ir-razzett lejn barriera, kien dam tlett ijiem, u f'dan ir-rigward esebixxa żewġ fatturi, waħda għall-ammont ta' elfejn, tliet mija u għoxrin Euro (€2,320)[14] u oħra għall-ammont ta' elf, mitejn u tmienja u disgħin Euro (€1,298).[15]

Fl-*affidavit* tiegħu x-xhud **Richard Scerri** qal[16] li fl-4 ta' April, 2017 kien biegħ tliet mitt balla (300) magħlef lill-attur bil-prezz ta' ħdax-il elf u mitt Euro (€11,100). **Tony Vella**, xhud ieħor, fl-*affidavit* tiegħu qal[17] li fid-19 ta' Mejju, 2017, huwa kien biegħ *second hand truck* lill-attur bil-prezz ta' disa' mija u erbgħa u erbgħin Euro (€944).[18] Xhud ieħor, **Victor Abela**, fl-*affidavit* tiegħu qal[19] li fis-6 ta' Settembru, 2015, huwa kien biegħ erba' baqriet lil Charlo Borg għall-prezz ta' tmint elef Euro (€8,000).[20]

Fl-*affidavit* tiegħu l-attur **Charlo Borg** qal[21] li dakinhar li seħħ l-inċident, fit-23 ta' Lulju, 2017, għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija, huwa kien avviċina għadd

[12] *A fol.* 43 tal-proċess.
[13] Kopja tal-irċevuta *a fol.* 44 tal-proċess.
[14] Kopja tal-irċevuta *a fol.* 45 tal-proċess. Il-ħlas pretiż mix-xhud kien għal xogħol bil-gaffa fit-tifi tan-nar (€400), kif ukoll għal 32 vjeġġ tiben maħruq għall-barriera (€1,920).
[15] *A fol.* 46 tal-proċess. Din l-ispiża kienet marbuta mar-rimi u r-riċiklaġġ ta' materjal.
[16] *A fol.* 47 tal-proċess.
[17] *A fol.* 48 tal-proċess.
[18] Kopja tal-irċevuta *a fol.* 49 tal-proċess.
[19] *A fol.* 50 tal-proċess.
[20] Kopja tal-irċevuta *a fol.* 50 tal-proċess.
[21] *A fol.* 51 tal-proċess.

ta' dilettanti tan-nar mill-Każin tal-banda Madonna tad-Duttrina ta' Ħal Tarxien, li kienu ser jaħarqu n-nar tal-festa mill-akkwati viċin ir-razzett tiegħu, u talabhom joqogħdu attenti għax kien induna li r-riħ kien jaqbel lejn ir-razzett. Qal li aktar tard dakinhar għall-ħabta tal-ħdax u kwart ta' filgħaxija, kien ċempillu ħabib tiegħu u qallu li t-tiben li kellu fir-razzett kien qiegħed jaqbad. Qal li dak il-ħin stess ċempel lill-Pulizija u lid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, li marru b'diversi tagħmir biex jitfu n-nar, u żied jgħid li l-ħaddiema tal-*fire engine* damu jumejn u żewġt iljieli biex irnexxielhom jitfu n-nar għalkollox, minħabba li ta' kull darba li bdew jaħsbu li kien irnexxielhom jitfu n-nar, it-tiben kien jerġa' jitħeġġeġ. L-attur żied jgħid li t-tagħmir u l-apparat li kellhom il-ħaddiema tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili ma kienx biżżejjed biex ilaħħqu man-nirien li kien hemm fuq il-post, u kien għalhekk li ntalab jieħu fuq il-post għadd ta' *bowsers* privati sabiex is-sitwazzjoni tiġi kkontrollata aħjar. Qal li kien għalhekk li kkuntattja lil ċertu Alfred Fenech li bagħat fuq il-post tmien *bowsers* li assistew fl-operazzjoni tat-tifi tan-nar. L-attur qal li sakemm in-nar kien għadu ma ġiex ikkontrollat, il-Pulizija ħadu *statement* ta' wieħed mil-*licencees* tan-nar, li qal li jista' jkun li taret xi ġamra u b'hekk qabad it-tiben. Żied jgħid li l-għada tal-inċident, fl-24 ta' Lulju, 2017, għall-ħabta tal-ħamsa ta' wara nofsinhar, il-Pulizija reġgħu marru fir-razzett biex jispezzjonaw x'kien inħaraq, fejn irriżulta li kienet inħarqet kwantità ta' ċana, balal żgħar u kbar tat-tiben, kif ukoll rimi tal-magħlef. L-attur qal li fil-25 ta' Lulju, 2017, dakinhar li ntefa għalkollox in-nar, kien ċempel lill-kuntrattur li jieħu ħsieb it-tiben, u dan kien infurmah li jekk il-polza tal-assigurazzjoni tal-Każin tal-Banda tal-Madonna tad-Duttrina kienet ser tkoprih, huwa kien dispost li jibda x-xogħol li kien meħtieġ li jsir fuq il-post. L-attur qal li dakinhar ukoll, kienu marru fuq il-post rappreżentanti tas-soċjetà Elmo Insurance għall-

K.P.H. *Feeds Manufacturer,* u rappreżentanti ta' Thomas Smith Insurance Agency Limited, li wara li raw l-istat li kien fih ir-razzett, awtorizzaw lill-attur iġorr dak li kien fadal ġo barriera. L-attur qal li dakinhar ukoll kien mar fuq il-post il-veterinarju Dr Daniele Brincat sabiex jispezzjona lill-annimali, u sab li erba' baqriet u għoġla kienu sofrew minn *respiratory distress* u għalhekk ma kinux għadhom tajbin għall-konsum. Kien għalhekk, kompla l-attur, li kien ħa l-imsemmija annimali għall-qatla. Qal li wara li ġie awtorizzat jagħmel dan mis-soċjetà tal-assigurazzjoni Thomas Smith Insurance Agency Limited, kien ikkuntattja lil ċertu John Mifsud u talbu jmur bil-gaffa sabiex iġorr il-materjal kollu li kien baqa' fir-razzett. L-attur qal li qabel l-inċident huwa kien diġà ħaseb għax-xhur tax-xitwa u kien għalhekk li kellu għadd ta' balal tat-tiben maħżuna fuq il-post li lkoll inqerdu bin-nirien. L-attur żied jgħid li huwa kien għamel kuntatt ma' għadd ta' membri tal-Kumitat tal-Każin tal-Banda tal-Madonna tad-Duttrina sabiex jara kif seta' jirranġa magħhom dwar il-ħlas tal-kumpens dovut lilu, wara li ċertu Martin Agius, *licensee* tan-nar, kien ammetta li x'aktarx li kienet ġamra mill-murtali li nħarqu għall-festa tal-Madonna tad-Duttrina, li kkawżat in-nirien. L-attur ppreżenta għadd ta' irċevuti u dokumenti oħra in sostenn tax-xhieda mogħtija minnu.[22]

Waqt l-udjenza tat-8 ta' Ottubru, 2018 xehed **PC 1547 Andrea Camilleri**[23], li ppreżenta kopja tar-rapport li sar lill-Pulizija in segwitu għall-inċident.[24] Waqt l-istess udjenza xehed ukoll **Anthony Pisani**[25], *Operations Manager* fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, li qal li huwa kien l-uffiċjal inkarigat mill-operazzjoni tat-tifi tan-nar, u hekk kif l-uffiċjali tal-protezzjoni ċivili waslu fuq

[22] *A fol.* 54 *et seq.* tal-proċess.
[23] *A fol.* 81 tal-proċess.
[24] *A fol.* 83 tal-proċess.
[25] *A fol.* 89 tal-proċess.

il-post, dawn talbu lil sid ir-razzett jipprovdi kwantità ta' ilma. Kien għalhekk li sid ir-razzett ikkuntattja persuna li seta' jipprovdi għadd ta' *bowsers* biex bihom seta' jintefa n-nar. Qal ukoll li s-sid kien intalab jipprovdi magna biex biha jkun jista' jitqalleb it-tiben biex jintefa, u kellu jintuża wkoll il-*foam* sabiex is-sitwazzjoni tiġi kkontrollata. Ix-xhud qal li matul il-ġurnata ta' wara, l-uffiċjali tal-protezzjoni ċivili reġgħu ssejħu fuq il-post minħabba li kien hemm postijiet fejn in-nar reġa' tħeġġeġ. Waqt l-udjenza tat-3 ta' Diċembru, 2018, xehed **PS 1429 Eric Mangion**[26], li qal li huwa investiga dan l-inċident, u kien hu li ħejja r-rapport tal-Pulizija.[27] Ix-xhud ikkonferma li n-nar kien wieħed kbir, tant hu hekk li l-pumpiera li oriġinarjament kienu marru fuq is-sit tal-inċident, kienu nbidlu minn oħrajn li daħlu xogħol fix-*shift* ta' warajhom.

Il-kontroeżami tal-attur sar waqt l-udjenza tas-16 ta' Jannar, 2019[28], fejn ikkonferma li kien hemm esponenti taż-żewġ soċjetajiet tal-assigurazzjoni li marru fuq il-post tal-inċident separatament. L-attur qal li kienu r-rappreżentanti ta' Thomas Smith Insurance Agency Limited li kienu qalulu li seta' jneħħi l-materjal minn fuq il-post. L-attur qal li waqt li kien għad hemm in-nar jaqbad, huwa kien mar ma' Martin Agius fl-uffiċċji ta' Thomas Smith Insurance Agency Limited f'Ħal Luqa, fejn ġew infurmati li f'din il-kwistjoni dawn kienu aġixxew bħala *brokers.* Qal ukoll li Martin Agius kien wera l-irċevuta tal-ħlas tal-polza tal-assigurazzjoni. L-attur qal li min-naħa ta' Thomas Smith kien intbagħat *surveyor* jispezzjona l-post u kien dan li awtorizzah jibda jneħħi l-affarijiet mir-razzett. L-attur qal li minkejja li dakinhar tal-inċident huwa kien wissa lil Martin Agius biex waqt il-ħruq tan-nar jużaw l-attenzjoni meħtieġa minħabba d-direzzjoni tar-riħ, min-naħa tal-Każin tal-Banda dawn

[26] *A fol.* 99 tal-proċess.
[27] *A fol.* 103 tal-proċess.
[28] *A fol.* 109 tal-proċess.

bagħtu "erbat itfal" biex joqogħdu attenti li jekk ttir xi karta jew xi ġamra. jiġbruha.

Waqt l-udjenza tal-11 ta' Frar, 2019 xehed **Carl Mizzi** mis-soċjetà Thomas Smith Insurance Agency Limited[29], li qal li lilu ma jirriżultalux li xi ħadd mill-kumpannija fejn jaħdem kien mar fuq il-post tal-inċident inkwistjoni. Ix-xhud qal ukoll li huma bħala kumpannija ma joħorġux poloz tal-assigurazzjoni fuq il-logħob tan-nar. Ix-xhud spjega li hemm differenza bejn Thomas Smith Insurance Agency u Thomas Smith Insurance Brokers.

Fl-istess udjenza xehed **Gian Carlo Toru**[30], li qal li jaħdem bħala *insurance broker* u li kkonferma li kien intbagħat *surveyor* sabiex iħejji rapport dwar l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Ix-xhud qal li huwa l-*broker* uffiċjali ta' Thomas Smith Insurance u s-*surveyor* li tqabbad huwa persuna li jaħdem għal rasu u li m'għandu l-ebda konnessjoni mas-soċjetà assiguratriċi. Ix-xhud spjega li *broker* jaħdem fl-interessi tal-klijent, billi jagħmel tiftix fis-swieq lokali u Ewropej u jsib il-polza li tkun l-aktar adattata għall-ħtiġijiet tal-klijent. Qal li f'dan il-każ il-polza tal-assigurazzjoni nħarġet minn sottoskrittur ta' Lloyds, u l-klijent li talab il-ħruġ tal-polza kien Raymond Sultana, li kien membru tal-każin tal-banda inkwistjoni. Ix-xhud qal li bħala *brokers* huma jirrappreżentaw l-interessi tal-klijent fir-rigward tal-assiguratur, b'differenza minn aġenzija li toħroġ il-polza hi. Qal li f'każ li jkun hemm *claim,* il-*broker* jagħmel ix-xogħol dokumentarju f'isem il-klijent, u jagħti l-pariri lis-soċjetà assiguratriċi, li f'dan il-każ hija kumpannija li topera barra minn xtutna. Ix-xhud qal li skont il-polza tal-assigurazzjoni, il-klijent tiegħu kien l-għaqda piroteknika u l-każin tal-banda. Ix-xhud qal li minkejja li l-*premium* marbut mal-ħruġ tal-polza tħallas

[29] *A fol.* 120 tal-proċess.
[30] *A fol.* 122 tal-proċess.

lilu, min-naħa tiegħu huwa kien ħallas dawn il-flus lil kumpannija tal-assigurazzjoni li topera barra mill-pajjiż. Ix-xhud żied jgħid li bħala *excess* tħallas l-ammont ta' ħames mitt Euro (€500) għal kull *claim.* Ix-xhud baqa' jinsisti li minkejja li l-*premium* tħallas lilu bħala *broker,* huwa ma jista' jagħmel l-ebda ħlas b'rabta mal-*claim,* iżda jekk tinstab xi forma ta' responsabbilità da parti tal-assigurati tiegħu, il-flus dovuti jitħallsu mill-kumpannija barranija. Qal ukoll li bħala *broker* huwa kien fetaħ *claim* mal-kumpannija barranija u għamel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu f'isem il-klijent, iżda qal li baqa' ma ngħatax risposta sodisfaċenti f'dan ir-rigward.[31]

Ix-xhud ippreżenta kopja tal-polza maħruġa minn Thomas Smith Insurance Brokers Limited[32], fejn kien ġie ppreċiżat li l-assigurati fuq din il-polza kienu '*various members of the Malta Pyrotechnic Society*', b'Raymond Sultana bħala *licensee.* Mal-polza hemm anness kopja tar-rapport imħejji mis-*surveyor* imqabbad minn Thomas Smith Insurance Brokers Limited[33], li jistabbilixxi li dakinhar li seħħ l-inċident, in-nar tal-festa kien qiegħed jinħaraq minn distanza ta' 231 metru bogħod mir-razzett tal-attur. Il-*licensee* tal-kamra tan-nar, Raymond Sultana, ma kienx preżenti waqt il-ħruq tan-nar, u bħala persuna responsabbli mill-ħruq tan-nar fil-ħin li seħħ l-inċident inkwistjoni kien hemm Martin Agius, Tony Agius, Silvio Abela u Jesmond D'Amato, li lkoll huma *licensees* b'liċenzja kategorija A. Ir-rapport jgħid li kienu dawn il-persuni li ħadu d-deċiżjoni li jaħarqu n-nar mill-għalqa li tinsab faċċata tar-razzett tal-

[31] Fi kliem ix-xhud: *"[w]e asked continuously more than one time to the insurance abroad to tell us what is the result of the claim and they never answer us back but we ask all the time, we have communication, telephone communication, it is important to answer another question, Lloyds of London that is part of Lloyds of London Tokyo, they don't deal directly with us but they deal directly through other broker in England. We told the brokers in England what happened and the brokers in England told Basso in Tokyo. They insist with them because at that point they were representing us the Lloyds, a lot of time clarification of the ending for this claim. They never answer, the only answer that they say is the Lloyds of Tokyo Basso, they will send only a communication direct to the customer, but till today the customer did not receive anything."*
[32] *A fol.* 130 tal-proċess.
[33] *A fol.* 131 tal-proċess.

attur, għax dehrilhom li l-kundizzjonijiet tat-temp kienu jippermettu li jsir dan. Is-*surveyor* stabbilixxa wkoll li dakinhar tal-inċident ir-riħ kien forza 4, u kien qiegħed jonfoħ fid-direzzjoni tar-razzett tal-attur. Is-*surveyor* stabbilixxa wkoll li r-riħ tqawwa għall-ħabta tal-21:45p.m., u għall-ħabta tal-22:45p.m. tqawwa aktar fid-direzzjoni tar-razzett tal-attur. Ġie stabbilit ukoll li minkejja li viċin il-post minn fejn beda jinħaraq in-nar kien hemm *fire engine,* din ma kinitx biżżejjed biex jiġu kkontrollati n-nirien li bdew jaħkmu, u kellha tintalab assistenza addizzjonali mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, kif ukoll kellhom jissejħu għadd ta' *bowsers* privati. Is-*surveyor* stabbilixxa wkoll li d-distanza minima stipulata fil-liġi, dik ta' 200 metru, kienet ġiet osservata f'dan il-każ, u l-persuni li kienu qegħdin jaħarqu n-nar kollha kienu koperti bil-liċenzja relattiva. Is-*surveyor* stabbilixxa li kien hemm kundizzjoni partikolari tal-polza tal-assigurazzjoni li ma ġietx osservata, minħabba li kien stipulat li l-kopertura tal-assigurazzjoni tapplika biss f'każ li n-nar jinħaraq mil-*licensee.* F'dan il-każ irriżulta li Raymond Sultana ma kienx fiżikament preżenti waqt il-ħruq tan-nar, minħabba li din il-festa partikolari kienet ġiet posposta bi ftit jiem, u għalhekk il-*licensee* Raymond Sultana dakinhar kellu jkun preżenti għal festa oħra.

Waqt l-udjenza tal-11 ta' Frar, 2019 xehed **Saviour Zerafa**, rappreżentant tal-Uffiċċju Meteoroloġiku[34], li qal li dakinhar li seħħ l-inċident ir-riħ kien wieħed ħafif, u għalhekk huwa possibbli li r-riħ biddel id-direzzjoni minn ħin għal ieħor tal-ġurnata. L-istess xhud kompla jagħti d-depożizzjoni tiegħu waqt l-udjenza tal-4 ta' Marzu, 2019[35], fejn ippreżenta skeda bid-dettalji tal-varjazzjonijiet tar-riħ dakinhar li seħħ l-inċident.[36]

[34] *A fol.* 138 tal-proċess.
[35] *A fol.* 144 tal-proċess.
[36] *A fol.* 148 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tal-4 ta' Marzu, 2019, xehed **Martin Agius**, wieħed mill-konvenuti, li qal li hu għandu liċenzja tal-piroteknika kategorija A. Spjega li meta fil-post minn fejn ikun qiegħed jinħaraq in-nar ma jkunx hemm id-detentur tal-liċenzja kategorija C, fil-post ikun hemm bħala l-persuna responsabbli dak li għandu liċenzja kategorija A. Qal ukoll li fuq il-post kien hemm għadd ta' persuni li għandhom liċenzja kategorija B, li kienu responsabbli minnhom id-detenturi tal-liċenzja kategorija A. Ix-xhud qal li hu flimkien ma' sħabu, kienu ilhom fuq il-post mis-18:00p.m., u tul dak il-lejl kienu nħarqu għadd ta' murtali. Qal li kien xħin inħarqet il-kaxxa tal-aħħar li tar xi ġamar fid-direzzjoni tat-triq u t-tiben li kien hemm fir-razzett ħa n-nar. Ix-xhud qal li minkejja li fuq il-post diġà kien hemm *fire engine,* din ma setgħetx tlaħħaq mal-qawwa tan-nar. Ix-xhud qal li hu baqa' fuq il-post għal diversi sigħat, u xi ġranet wara kien akkumpanja lill-attur fl-uffiċċji ta' Thomas Smith Insurance Brokers, fejn ix-xhud ħallas l-*excess* fl-ammont ta' ħames mitt euro (€500) sabiex tinfetaħ il-*claim.* Ix-xhud qal li hu u sħabu marru għand Thomas Smith Insurance Brokers Limited sabiex ikollhom kopertura tal-assikurazzjoni minn dan l-uffiċċju, għalkemm qal li ma jafx jekk il-polza inħarġitx minn Malta jew minn barra. Fl-udjenza tal-25 ta' Marzu 2019, reġa' xehed **Martin Agius,** li ppreżenta kopja ta' rċevuta maħruġa minn Thomas Smith Insurance Brokers lill-Għaqda Piroteknika Maltija fid-19 ta' Ġunju, 2017.[37]

Permezz ta' nota tal-15 ta' Marzu, 2019, il-konvenuti ppreżentaw vera kopja tal-irċevuta tal-ħlas tal-*premium* tal-polza tal-assikurazzjoni li sar fid-19 ta' Ġunju, 2017 lil Thomas Smith Insurance Brokers fis-somma ta' €1,097.35 u

[37] *A fol.* 162 tal-proċess.

vera kopja tal-irċevuta tal-ħlas li sar lil Thomas Smith Insurance Brokers fit-28 ta' Lulju, 2017 fis-somma ta' €500 bħala ħlas tal-*excess* għall-*claim.*[38]

Permezz ta' nota tat-3 ta' Mejju, 2019, is-soċjetà Thomas Smith Insurance Agency Limited ippreżentat kopja tal-*invoice* li kienet ħarġet lill-Għaqda Piroteknika Maltija fir-rigward tal-attivitajiet piroteknici li kellhom isiru madwar il-pajjiż bejn id-9 ta' Ġunju, 2017 u t-18 ta' Ġunju, 2018[39]; kopja taċ-ċekk li permezz tiegħu l-Għaqda Soċjali Madonna tad-Duttrina ħallset din l-*invoice*[40]; kopja tal-irċevuta li nħarġet minn Thomas Smith Insurance Brokers Limited lill-Għaqda Piroteknika Maltija għall-*premium* tal-polza tal-assigurazzjoni fir-rigward tal-attivitajiet piroteknici li kellhom isiru. F'din in-nota ġie ppreċiżat li Thomas Smith Insurance Brokers Limited hija kumpannija differenti minn Thomas Smith Insurance Agency Limited, u x-xogħol ta' *insurance brokering* huwa kompletament differenti mill-attività ta' *insurance agency.*

**Konsiderazzjonijiet legali**

Minkejja li waqt l-udjenza tat-8 ta' Ottubru, 2018 il-Qorti kienet ordnat ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet tagħha tal-14 ta' Mejju, 2018, li permezz tiegħu kienu ssejħu fil-kawża s-soċjetajiet Thomas Smith Insurance Agency Limited u W.R. Berkely Insurance (Europe) Limited, peress li mill-provi rriżulta li dawn huma għalkollox estraneji għall-mertu tal-proċeduri odjerni, in vista tal-andament li ħadet l-kawża, il-Qorti sejra tagħmel il-konsiderazzjonijiet

[38] *A fol.* 155 tal-proċess.
[39] *A fol.* 166 tal-proċess.
[40] *A fol.* 167 tal-proċess.

tagħha dwar ir-rwoli distinti u separati li għandhom *broker* tal-assigurazzjoni u aġenzija tal-assigurazzjoni. Mill-provi rriżulta li l-polza tal-assigurazzjoni li nħarġet biex tkopri l-ħruq tan-nar tal-festa tal-Madonna tad-Duttrina ta' Ħal Tarxien, inxtrat tramite s-servizz ta' *broker* li fittex l-aktar polza adattata għall-ħtiġijiet tal-klijenti tiegħu. Intqal li hawn Malta huwa diffiċli ferm li ssib aġenzija tal-assigurazzjoni li tkopri l-ħruq tan-nar fil-festi, u kien għalhekk li l-polza tal-assigurazzjoni inkwistjoni nħarġet minn aġenzija fl-Ingilterra tramite s-servizz ta' *broker* hawn Malta. Intqal ukoll li l-fatt li l-*broker* fl-uffiċċju ta' Thomas Smith kien irċieva l-*premium* u ġabar anki l-flus tal-*excess* imħallas biex setgħet issir il-*claim,* ma jfissirx li dan assuma xi responsabbilità għall-*claim*. Huwa in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, li l-Qorti qieset illi għall-kuntrarju ta' dak li taw x'jifhmu l-konvenuti fit-talba tagħhom għas-sejħa fil-kawża tas-soċjetajiet assikuratriċi Thomas Smith Insurance Agency Limited u W.R. Berkeley Insurance (Europe) Limited, dawn is-soċjetajiet tal-assigurazzjoni ma kinux leġittimi kontradittturi fil-proċeduri odjerni, fejn dak li qiegħda tintalab tagħmel il-Qorti huwa li tiddeċiedi dwar il-kwistjoni tar-responsabbilità għall-akkadut u dwar x'kumpens għandu jitħallas lill-attur f'każ li jinstab li l-konvenuti jew xi ħadd minnhom kien responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti xorta waħda sejra tagħmel riferiment għal xi deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jagħmlu din id-distinzjoni netta bejn ir-rwol ta' *broker* u dak ta' aġenzija tal-assigurazzjoni, anki jekk fi kwalunkwe każ fil-vertenza odjerna m'hemmx lok għall-involviment tal-imsemmija soċjetajiet tal-assigurazzjoni peress li mhumiex leġittimi kontradittturi. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Atlas Insurance Limited et *vs.* Malta Football Association**[41], intqal li:

[41] P.A., 23.01.2008.

> "L-*insurance broker* huwa mandatarju tal-assigurat. Huwa jgħin biex jintlaħaq ftehim mal-assiguratur bl-iskop li jiġi assigurat riskju, tinħareġ assigurazzjoni f'isem il-persuna assigurata, bil-wegħda ta' indennizz jekk tiġri l-ħaġa msemmija fl-assigurazzjoni. L-*insurance broker* huwa l-mandatarju tal-assigurat u mhux tal-kumpannija tal-assigurazzjoni ..."

Bl-istess mod fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Michael Bertuello *vs.* Victor Cordina pro et noe et**[42], intqal illi:

> "... tikkwalifika '*insurance broker*' bħala dik il-persuna li "għal xi kummissjoni jew kumpens ieħor jew oġġett ta' valur ikun x'ikun taġixxi jew tgħin b'xi mod biex tħajjar, jintlaħaq ftehim jew biex isir kuntratt ta' assigurazzjoni jew biex jiġi assigurat riskju jew biex tinħareġ assigurazzjoni, f'isem persuna assigurata jew persuna li tkun se tiġi assigurata, barra minnha nnifisha ...".

Din id-distinzjoni toħroġ ukoll fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Vincent Azzopardi *vs.* Middlesea Insurance Company**[43], fejn intqal illi:

> "Hu risaput li l-*broker* huwa l-aġent tal-assigurat mhux tal-kumpannija assiguratriċi."

Hekk stabbilita d-distinzjoni netta li trid issir bejn ir-rwol ta' *broker* u r-rwol ta' aġenzija tal-assigurazzjoni, il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkonsidra l-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident li wassal għal dawn il-proċeduri.

Id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi applikabbli għall-każ odjern huma l-artikoli 1030 sa 1033 tal-Kodiċi Ċivili:

> "1030. Kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu.
>
> 1031. Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.

[42] Q.A., 11.07.1994.
[43] P.A., 16.05.2002.

1032. (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja."

(2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar.

1033. Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa ii biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."

Il-ġurisprudenza nostrali tgħallem li f'każ ta' attivatajiet li hemm inerenti fihom periklu sostanzjali, l-ġrad ta' attenzjoni irid ikun wieħed assolut. Fis-sentenza fl-ismijiet **Michael Damato noe *vs.* Filomena Spiteri et**[44] jingħad:

"L-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili jippreċiża li "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu";

Din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabilità akwiljana jew extrakontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali *in subjecta materia*, u tennunċja l-prinċipju in virtù ta' liema l-leżjoni kaġjonata lis-suġġett tobbliga lill-awtur tal-leżjoni li jirriżarċixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tiegħu;

Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilità ċivili hi ravviżata fl-imġiba imputabbli għal dolo jew kulpa. Il-liġi ċivili tagħna ma tiddefinixix il-kolpa ċivili fl-għemil iżda tagħmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' ħsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodiċi Ċivili]. Dan jikkorrispondi *in criminalibus* għan-nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali;

Jidhru, imbagħad, skont id-duttrina legali illi jeżistu kriterji oħra li jagħmlu riferiment għall-element tar-riskju. Jekk il-kolpa tikkostitwixxi l-element karatterizzanti ta' l-illeċitu, huma rikonoxxuti u aċċettati wkoll aspetti ta' responsabilità speċjali in rigward għall-evitabilità tal-ħsara;

Jingħad a propositu fid-deċiżjoni fl-ismijiet "**Annunziato D'Amato et vs. Joseph Camilleri et**", Appell Ċivili, 3 ta' Marzu 1958 illi "meta l-att li kkaġuna d-danni kien

[44] P.A., 03.10.2003.

jikkonsisti fil-maneġġ ta' ħaġa perikoluża, ir-responsabilità ta' min għamel dak l-att hija assoluta; u min irid jeħles minn dik ir-responsabilità hu tenut jipprova, jew il-fatt tat-terz jew il-*vis major*";

Hu ta' rilevanza f'dan il-każ illi uħud mill-konvenuti kienu qed jimmaniġġaw jew jagħmlu użu għall-iskopijiet tal-festa minn ħaġa perikoluża bħal ma hu l-logħob tan-nar. Ix-xjenza fihom tal-perikoliżità u riskju bħal dan hu evidenti ħafna anke minn dak kummentat mix-xhud Anglu Fenech (fol. 188). Dan jistqarr difatti illi "it-tfal keċċejnihom qabel inħaraq in-nar. Dan għax perikoluż, mhux affarijiet tat-tfal";

Tant kienu konxji minn dan l-istat ta' perikolu illi fid-deposizzjonijiet tagħhom dawk involuti, kemm bħala membri tas-sottokumitat tan-nar tal-każini rispettivi, kemm bħala responsabbli mill-ħruq tan-nar, jirrikorru għad-dmir imperanti, u fuqhom inkombenti bir-regolamenti tal-Avviż Legali Numru V tal-1981. Hekk jingħad li n-nar kien il-ħin kollu mgħasses, u wara l-ħruq tad-diversi biċċiet ta' piroteknika, kien jiġi assigurat li tabilħaqq "in-nar ikun inħaraq kollu" (fol. 189). Jingħad ukoll li huma kienu jieħdu ħsieb "jiġbru l-oġġetti li jaqgħu" (Joseph Zammit, fol. 194), jiġi "żbarazzat" u "kklerjat kollu" (Lawrence Aquilina, fol. 193) u "li jiġu mpjegati tal-Gvern ha jbattlu l-laned taż-żibel fil-ġnien" (Anthony Camilleri, fol. 184); ...".

Fis-sentenza fl-ismijiet **Gasan Mamo Insurance Limited et vs. Raymond Bugeja et**[45] intqal illi:

"Illum il-ġurnata min jaħraq il-logħob tan-nar huwa marbut b'regolamenti ferm aktar stretti minn qabel, bl-obbligi ta' kopertura b'polza tal-assigurazzjoni bħala kundizzjoni assoluta qabel jingħata permess mill-Pulizija, li min ikun qiegħed jaħraq in-nar irid ikollu fil-viċinanzi vetturi tat-tifi tan-nar, li jrid jaċċerta l-għeluq ta' toroq fid-dintorni, li jridu jinżammu distanzi tassattivi u kundizzjonijiet oħrajn li minnhom infushom jindikaw il-perikolożità ta' tali attività. Però dan ma jfissirx li min isegwi dawn ir-reġolamenti, jista' f'kull ċirkostanza jiskampa minn kull responsabbilità. Anzi l-ħtieġa ta' kopertura b'polza tal-assigurazzjoni hija indikattiva li jkunu kemm ikunu attenti d-dilettanti tal-logħob tan-nar, xorta waħda jistgħu iseħħu inċidenti, anki minħabba ċerti nuqqasijiet qabel ma jsiru ċerti attivitajiet. Mill-provi jirriżulta li f'din il-lokalità partikolari fil-konfini tar-RMGC [Royal Malta Golf Club]matul iż-żmien ġieli seħħew inċidenti mhux tal-istess entità u b'konsegwenzi daqshekk devastanti, imma ġieli kien hemm inċidenti fejn inħarqu xi sigar u inħaraq it-turf. Min jaħraq in-nar ma jistax jippretendi li s-sid ta'

[45] P.A., 25.10.2017.

dak it-turf jew ta' dawk is-siġar għandu jgħattihom jew saħansitra jaqlagħhom waqt l-attività. Jekk dawk li jagħmlu din l-attività jafu li jistgħu jinħolqu inċidenti bl-attività tagħhom, u għalhekk hemm kopertura b'polza tal-assigurazzjoni għal ħsara lil terzi, u xorta jagħżlu li jagħmlu tali attivitajiet, dawn ma jistgħux jiskampaw mir-responsabbilità għax segwew ir-regolamenti. Ir-regolamenti ma jgħidux dak kollu li bħala missier għaqli ta' familja wieħed suppost li jagħmel. *Bonus pater familias* konxju tal-perikolożità ta' tali attività li tista' tvarja anki bit-temp, bħal umdità żejda li toħloq splużjonijiet waqt il-fabbrikazzjoni tal-murtali u riħ li jwassal fdalijiet tal-isparar fid-dintorni, qabel ma jibda jaħraq in-nar għandu jara x'hemm fil-viċinanzi, jagħmel speċi ta' *risk assessment*. Jekk il-club house tar-RMGC kellha ċerti kmamar antiki li saru fis-sittinijiet b'soqfa tal-*plastic sheeting*, tal-Għaqda kellhom jieħdu il-prekawzjonijiet kollha neċessarji, anki jekk hemm bżonn li dawn jitgħattew b'materjal mhux kombustibbli. Il-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom jenfasizzaw li l-atturi kienu konxji li xi darba tista' tiġri waħda kbira. Imma ir-responsabbilità li fejn ser jinħaraq in-nar jiġi żgurat li ma jkunx hemm fil-viċin strutturi li faċilment jistgħu jinħarqu, taqa' ultimament fuq min qed jorganizza l-attività tal-ħruq tan-nar u fuq min hu legalment responsabbli mill-ħruq tan-nar. Ladarba l-konvenuti kienu konsapevoli li fil-viċinanzi ta' fejn jaħarqu n-nar kien hemm turf u siġar li ġieli inħarqu konsegwenza tal-logħob tan-nar tagħhom, kien jispetta lill-konvenuti li jew għas-saħħa tal-argument jgħattu t-turf u s-siġar biex ma jinħarqux bil-fdalijiet tal-murtali li jinżlu ħafna drabi f'forma ta' karti jew kartun imġemmed, inkella jekk ma jagħmlux dan, iridu jaċċertaw ruħhom illi l-assigurazzjoni tagħhom tkoprihom. L-istess għandu japplika ukoll għall-bini u għall-kontenut tiegħu.

Illi l-inċendju mertu ta' din il-kawża ċertament li ma jistax jingħad li dan kien xi każ fortuwitu u imprevedibbli. Fis-sentenza fl-ismijiet **Lorenza Attard et *vs.* Charles Mangion et** jingħad:

"In tema legali jiġi osservat li fil-kawża App.Inf. [PS] **Alfred Delia vs. Segretarju Permanenti et**, 19.05.2004, ġie ritenut li l-każ fortuwitu huwa dak l-avveniment li meta setax ikun prevedut minn persuna ta' diliġenza ordinarja [App.Ċ., **Borg Falzon vs. Darmanin**, Vol.XXX.I.869]. Biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma meħtieġ li jkun inevitabbli b'mod li ma jistax jiġi evitat b'diliġenza ordinarja tal-*bonus pater familias* [P.A., **Micallef vs. McCance**, Vol.XXXVII.II.637; App. **Carmelo Micallef vs. Direttur tax-Xogħlijiet** 28.02.2001].

> "Biex ikun hemm il-każ fortuwitu jrid ikun hemm [1] event li ma jiddependix mill-fatt tad-debitur, [2] event imprevedibili u [3] inevitabbli [App.K., **Raymond vs. Busuttil**, Vol.XXXI.i.554; App. Ċ., **Azzopardi vs. Arcicovich**, Vol.XXIV.172].
>
> Dan il-kunċett "viene meno quando concorre il fatto posittivo o negattivo dell'uomo" [P.A., **Fenech vs. Gatt**, Vol.XVIII.II.164; **Bezzina vs. Grech**, Vol.XXX.II.142]. "Quando invece vi ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della proprio azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto. [Vol.XXIV.172]."

Mill-provi jirriżulta li dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni, kien hemm xi ftit tar-riħ varjabbli fil-gżejjer Maltin, u dan il-fatt kien wassal lill-attur sabiex javviċina lil uħud mid-dilettanti tan-nar li kellhom permess jaħarqu n-nar tal-festa fil-viċinanzi tar-razzett tiegħu, u talabhom joqogħdu attenti għax fir-razzett kellu l-annimali u kwantità ta' tiben. L-attur qal li minkejja li kien esprima t-tħassib tiegħu mal-konvenuti, dawn kellhom jassistuhom "erbat itfal" għall-eventwalità li ttir xi ġamra jew xi karta taqbad. Mill-provi jirriżulta wkoll li l-*licensee* l-konvenut Raymond Sultana, li suppost kien responsabbli mill-ħruq tan-nar dakinhar, fil-ħin li kien qiegħed isir il-ħruq tan-nar ma kienx fuq il-post, għaliex kien qiegħed jassisti fil-ħruq tan-nar tal-festa tal-Imsida. Madanakollu fuq il-post kien hemm għadd ta' persuni oħra li kellhom liċenzja f'kategorija differenti minn dik ta' Raymond Sultana, li kienu responsabbli għall-ħruq tan-nar fl-għalqa inkwistjoni. L-inċident mertu tal-kawża seħħ meta waqt li kien qiegħed isir il-ħruq tal-murtali tal-aħħar, tard filgħaxija dakinhar tal-festa, taret ġamra fid-direzzjoni ta' fejn l-attur kien iżomm it-tiben maħżun għall-annimali tiegħu, bir-riżultat li fi ftit ħin tħeġġeġ in-nar u kkawża bosta ħsarat.

Il-Qorti tqis li d-delizzju tal-logħob tan-nar huwa minnu nnifsu perikoluż, u wieħed qatt ma jista' jieħu prekawzjonijiet biżżejjed biex jilqa' għall-inċidenti kollha li jistgħu jinqalgħu. Il-piroteknika mhijiex attività li ssir f'vakum jew fl-astratt imma ssir fl-arja aperta u soġġetta għall-kundizzjonijiet atmosferiċi. Meta jinħaraq in-nar u riħ ikun jiġbed fid-direzzjoni tal-abitat jew ta' proprjetà ta' terzi, f'dan il-każ razzett tal-baqar, ċertament li ma jistax jingħad li l-ħruq fir-razzett seħħ minħabba 'eventi u ċirkostanzi indipendenti mill-volontà tal-konvenuti u li huma marbuta mal-forza maġġuri u *accidens*', imma l-kawża prossima tal-inċident tibqa' l-attività piroteknika. Il-konvenuti kienu avżati mill-attur dwar id-direzzjoni li kien qed jieħu r-riħ ftit sigħat qabel l-inċident, u l-konvenuti waqt li kienu qed jeżerċitaw id-delizzju tagħhom li min-natura tiegħu huwa ta' ċerta perikolożità inerenti, kellhom id-*duty of care* li jiżguraw li ma jibqgħux jaħarqu nar minn dik il-postazzjoni waqt li r-riħ kien qed jagħti għal fuq ir-razzett tal-attur u mhux jibqgħu jaħarqu n-nar xorta waħda u mbagħad jittantaw jeżimu ruħhom minn kull responsabilità għall-akkadut billi jwaħħlu fil-kundizzjonijiet atmosferiċi. Mill-provi jirriżulta li l-persuna li prinċipalment kien jaqa' fuqha l-oneru ta' responsabbilità waqt il-ħruq tan-nar, lanqas kien fl-għalqa dak il-ħin li seħħ l-inċident. Minkejja li minn ħin għal ieħor ir-riħ beda jitqawwa u jvarja d-direzzjoni tiegħu, jidher li fl-ebda ħin ma ttieħdet deċiżjoni li jinbidel il-post minn fejn beda jinħaraq in-nar, sabiex jiġi evitat kemm jista' jkun li jtir xi ġamar fid-direzzjoni tar-razzett tal-attur. M'hemmx dubju li dawn in-nuqqasijiet gravi kienu konsegwenza tan-negliġenza u l-imprudenza tal-konvenuti, u meta jinqala' xi inċident minħabba nuqqasijiet bħal dawn, huma l-persuni li jkunu kkawżaw il-ħsara li jridu jwieġbu għaliha, ċjoé il-konvenuti f'dan il-każ.

L-attur ressaq diversi provi tad-danni sofferti minnu minħabba fl-inċident inkwistjoni, fosthom il-prezz għall-ħlas ta' tmien (8) *bowsers,* bil-prezz ta' €280[46]; iċ-ċana li nħarqet bl-inċident, li huwa kien xtara għall-prezz ta' €1,321.60[47]; il-magħlef li kien xtara mingħand Joseph u Charles Schembri bil-prezz ta' €7,400[48]; il-ħlas lit-tabib veterinarju Dr Daniele Brincat ta' €30[49]; il-balal tat-tiben li kien xtara bil-prezz ta' €7,236[50]; il-ħlas ta' €2,320 lil John Mifsud għax-xogħol bil-gaffa u għall-vjaġġi li għamel sabiex jiddisponi mit-tiben maħruq f'barriera[51]; il-ħlas ta' €11,100 għal 300 balla magħlef mingħand Richard Scerri[52]; il-ħlas ta' €8,000 bħala prezz ta' erba' baqriet li kellhom jinxtraw minflok l-erba' baqriet li kellhom jinqatlu wara li belgħu d-duħħan[53]; it-*truck box* li nxtrat *second hand* bil-prezz ta' €944[54]; u l-irċevuti tal-Marsa Thermal Treatment Facility ta' €19.47 u €28.32 fejn l-attur kellu jieħu l-erbgħa baqar għall-qatla minħabba li ġew esposti għad-duħħan.[55] Għalkemm dawn l-ispejjeż inkorsi mill-attur bl-ebda mod ma ġew ikkontestati mill-konventi, għandu jiġi rilevat illi waħda mill-irċevuti tal-magħlef, dik ta' €11,100 tmur lura għal 4 ta' April, 2017 u għalhekk sad-data tal-inċident inkwistjoni, parti sew minnha żgur li kienet laħqet ġiet ikkunsmata mill-baqar. Għaldaqstant terz biss minn din is-somma għandha tiġi kkunsidrata bħala parti mid-danni materjali sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża. It-total tad-danni materjali sofferti mill-attur għalhekk ilaħħaq is-somma ta' wieħed u tletin elf, mitejn u disgħa u sebgħin euro u disgħa u tletin ċenteżmu

[46] *A fol.* 36 tal-proċess.
[47] *A fol.* 37 tal-proċess.
[48] *A fol.* 39 tal-proċess.
[49] *A fol.* 40 tal-proċess.
[50] *A fol.* 44 tal-proċess.
[51] *A fol.* 45 u 46 tal-proċess.
[52] *A fol.* 47 tal-proċess.
[53] *A fol.* 50 tal-proċess.
[54] *A fol.* 49 tal-proċess.
[55] *A fol.* 63 u 65 tal-proċess.

(€31,279.39), liema danni materjali għandhom jagħmlu tajjeb il-konvenuti solidament bejniethom.

## Decide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti;**

2. **Tiddikjara li l-attur sofra danni riżultanti minn nirien li ġew ikkawżati nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju, tas-sena elfejn u sbatax (2017), waqt li kien qiegħed jittella' n-nar tal-festa tal-Madonna tad-Duttrina ta' Ħal Tarxien u dan stante li l-konvenuti ħarqu n-nar u murtali fil-viċinanzi tar-razzett proprjetà tal-attur;**

3. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-imsemmi inċident komplessivament fis-somma ta' wieħed u tletin elf, mitejn u disgħa u sebgħin euro u disgħa u tletin ċenteżmu (€31,279.39);**

4. **Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuti solidament bejniethom.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**